

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Settembru 2005

dwar il-format għar-rendikont dwar l-attivitajiet tan-netwerks ta' l-uffiċjali tal-kollegamenti ta' l-immigrazzjoni u dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż ospitant fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-immigrazzjoni illegali

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2005) 1508)

(It-testijiet fil-lingwa Ġermaniża, Ingliża, Spanjola, Estona, Françiża, Finlandiża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portuguiża, Slovakka, Slovena, Żvediża u Ċeka biss huma awtentiċi)

(2005/687/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 377/2004 tad-19 ta' Frar 2004 dwar il-ħolqien ta' netwerk ta' l-uffiċjali ta' kollegament ta' l-immigrazzjoni⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-rapporti meħtieġa taħt l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 377/2004 għandhom jippermettu lill-Kummissjoni biex tfassal ir-rapport tagħha tal-valutazzjoni dwar is-sitwazzjoni f'pajjiżi terzi fejn l-uffiċjali ta' l-immigrazzjoni ta' l-Istati Membri jkunu stazzjonati kif ukoll ir-rapport annwali tagħha dwar l-iżvilupp ta' politika komuni dwar l-immigrazzjoni illegali, il-kuntribandu u t-traffikar tan-nies, fruntieri esterni u r-ritorn ta' residenti illegali

(2) Il-format tar-rapporti għalhekk għandu jirrifletti dawn l-oġġettivi fir-rigward tan-natura ta' l-informazzjoni li għandha tkun inkluża.

(3) Fir-rigward ta' l-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' daww l-Istati bl-implimentazzjoni, bl-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen,⁽²⁾ li jaqgħu fil-qasam riferut fl-Artikolu 1, punti A u E tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim⁽³⁾.

(4) Fir-rigward ta' l-Isvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen fir-rigward tal-Ftehim iffirmat mill-Unjoni Ewropea, mill-Komunità Ewropea u mill-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar bl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 4 (1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/860/KE tal-25 ta' Ottubru 2004 dwar l-iffirmar, fisem il-Komunità Ewropea, u dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim⁽⁴⁾.

(5) Skond l-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ddeċidiet li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 377/2004 fil-liġi Daniża. Ir-Regolament (KE) Nru 377/2004 għalhekk jorbot lid-Danimarka fil-liġi internazzjonali.

(6) B'mod konformi ma' l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-kwadru ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u ma' l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen⁽⁵⁾, ir-Renju Unit jieħdu sehem fir-Regolament (KE) Nru 377/2004 u b'konsewgenza f'din id-Deċiżjoni preżenti.

(7) B'mod konformi ma' l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-kwadru ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat

⁽¹⁾ ĠU L 64, tat-2.3.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 176, tal-10.7.1999, p. 36.

⁽³⁾ ĠU L 176, tal-10.7.1999, p. 31.

⁽⁴⁾ ĠU L 370, tas-17.12.2004, p. 78.

⁽⁵⁾ ĠU L 131, tal-1.6.2000, p. 43.

li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u ma' l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda biex tiegħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen ⁽¹⁾, l-Irlanda tiegħu sehem fir-Regolament (KE) Nru 377/2004 u b'konsegwenza f'din id-Deċiżjoni preżenti.

Artikolu 1

Il-format tar-rapport meħtieġ bir-Regolament (KE) Nru 377/2004 tad-19 ta' Frar 2004 għandu jkun kif stabbilit fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

- (8) Il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda f'din id-Deċiżjoni b'mod konformi ma' l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni 2000/365/KE u ma' l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni 2002/192/KE li għandu x'jaqsam mar-responsabbiltajiet tal-Komunità biex tiegħu miżuri għall-iżvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen kontra l-organizzazzjoni ta' immigrazzjoni illegali li fiha jipparteċipaw ir-Renju Unit u l-Irlanda.
- (9) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen jew li hu relatat miegħu b'xi mod ieħor fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(1) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003,

Din id-Deċiżjoni hi ndirizzata lir-Renju tal-Belġju, lir-Repubblika Ċeka, lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Repubblika ta' l-Estonja, lir-Repubblika Ellenika, lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Franċiża, lill-Irlanda, lir-Repubblika Taljana, lir-Repubblika ta' Ċipru, lir-Repubblika tal-Latvja, lir-Repubblika tal-Litwanja, lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, lir-Repubblika ta' l-Ungerija, lir-Repubblika ta' Malta, lir-Renju ta' l-Olanda, lir-Repubblika ta' l-Awstrija, lir-Repubblika tal-Polonja, lir-Repubblika Portugiża, lir-Repubblika tas-Slovenja, lir-Repubblika Slovakkja, lir-Repubblika tal-Finlandja, lir-Renju ta' l-Iżvezja, lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u lill-Irlanda ta' Fuq.

Magħmula fi Brussell, 29 ta' Settembru 2005.

Għall-Kummissjoni

Franco FRATTINI

Viċi President

ADOTTAT ID-DEĊIŻJONI LI ĠEJJA:

⁽¹⁾ ĠU L 64, tas-7.3.2002, p. 20.

2. Ġie kostitwit netwerk ta' koperazzjoni b'mod konformi ma' l-Artikolu 4 tar-Regolament? (jekk jogħġbok aqta' linja taħt it-tweġiba korrispondenti)
- IVA LE
- 2.1. Jekk it-tweġiba tkun "LE" jekk jogħġbok specifika r-raġunijiet ewlenin għaliha:
- 2.2. Jekk it-tweġiba tkun "IVA", jekk jogħġbok evalwa l-utilità in ġenerali ta' l-attivitajiet li saru fil-kwadru tan-netwerk minn 1 sa 5. (1 = mhux bżonjuż, 5 = bżonjuż ħafna)
- 2.3. X'tip ta' attivitajiet seħħew fil-perijodu ta' rapportar? (jekk jogħġbok aqta' linja taħt it-tweġiba(iet) korrispondenti.
- (1) Laqgħat
- (2) Skambju ta' informazzjoni u ta' esperjenzi prattiċi
- (3) Kordinazzjoni ta' pożizzjonijiet li għandha tkun addottata b'kuntatt ma' min iġorr
- (4) Taħriġ speċjalizzat konġunt
- (5) Organizzazzjoni ta' sessjonijiet/taħriġ ta' informazzjoni għall-istaff diplomatiku u/jew konsulari ta' l-Istati Membri fil-pajjiż ospitant
- (6) L-addozzjoni ta' trattamenti komuni għall-metodi ta' ġbir u ta' rapportar ta' informazzjoni strateġika rilevanti
- (7) It-twaqqif ta' kuntatti ma' networks simili fil-pajjiż u fil-pajjiżi ġirien
- (8) Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)
- 2.4. Kemm-il darba ltaqgħu l-ILOs fil-perijodu rrapportat? (jekk jogħġbok aqta' linja taħt it-tweġiba korrispondenti)
- Qatt Darba kull xahar Kull tlett xhur Oħrajn
- Kummenti:
- 2.5. Ġew anke mistiedna organizzazzjonijiet jew awtoritajiet oħrajn biex jipparteċipaw fit-tali laqgħat? Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovi xi dettalji.
- 2.6. Liema jidher li kien l-iktar mod/metodu effettiv fl-iskambju ta' l-informazzjoni?
- 2.7. In-Netwerk stabbilixxa kuntatt u/jew addotta pożizzjoni ta' kordinament b'kuntatt ma' min iġorr? Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovi xi dettalji.
- 2.8. L-ILOs kellhom taħriġ speċjalizzat konġunt matul il-perjodu rrapportat? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika s-suġġett/i u evalwahom. (1 = mhux bżonjuż, 5 = bżonjuż ħafna)
- 2.9. In-network ta' l-ILO organizza sessjonijiet/taħriġ ta' informazzjoni għall-istaff diplomatiku u/jew konsulari ta' l-Istati Membri fil-pajjiż ospitant?
- IVA LE
- 2.9.1. Jekk it-tweġiba hi IVA, jekk jogħġbok specifika is-sugġett ta' l-avveniment ikkonċernat:
- 2.9.2. Jekk jogħġbok ipprovi xi kummenti dwar l-avveniment/i (parteċipanti, l-impatt tiegħu fuq ix-xogħol ta' kuljum tal-parteċipanti, is-segwitu eċċ.):
- 2.10. Hemm xi metodu sistematiku biex tiġbor u taqsam l-informazzjoni fost l-ILOs? Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovi xi kummenti.

- 2.11. In-netwerk ta' l-ILO stabilixxa kuntatti regolari ma' l-ILOs individwali stazzjonati minn Stati Membri li mhumiex fl-UE jew ma' networks simili tagħhom? Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovi xi dettalji.
- 2.12. Jekk jogħġbok ipprovi sommarju qasir ta' l-attivitajiet tan-netwerk ta' l-ILO li seħħew fuq bażi reġionali fil-perjodu rrapportat (i.e. laqgħa reġionali, tahrìg).
3. Min meta r-Regolament ta' l-ILO daħal fis-seħħ,
- a) il-koperazzjoni u l-kordinament fost l-ILOs stazzjonati mill-Istati Membri ssaħħew u/jew tjebeu?
- IVA LE M'HEMMX IMPATT DIRETT
- b) l-attivitajiet tan-netwerking jiffaċilitaw eżekuzzjoni aktar effettiva tad-doveri ta' l-ILOs?
- IVA LE M'HEMMX IMPATT DIRETT
- c) bħala netwerk, l-ILOs qegħdin f'pożizzjoni aħjar li jistabbilixxu u jżommu kuntatt ma' l-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż ospitant?
- IVA LE M'HEMMX IMPATT DIRETT
- d) l-ILOs jistgħu jgħinu b'mod aktar effettiv lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom biex iwettqu d-doveri tagħhom (i.e. fil-preparazzjoni tad-dħul, jistabbilixxu kuntatti fil-pajjiż ospitant, jistabbilixxu l-identità taċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi)?
- IVA LE M'HEMMX IMPATT DIRETT
- e) il-koperazzjoni ma' l-ILOs l-oħrajn li huma stazzjonati mill-Istati Membri li mhumiex fl-UE tjebet?
- IVA LE M'HEMMX IMPATT DIRETT
4. Jekk jogħġbok iġbor fil-qosor l-esperjenzi u l-valutazzjoni in ġenerali tiegħek dwar l-attivitajiet tan-netwerk ta' l-ILOs.
5. Jekk jogħġbok agħti kwalunkwe suġġerimenti, proposti li jistgħu jtejb u/jew isaħħu x-xogħol ta' l-ILOs bħala netwerk fil-pajjiż konċernat:

II. SITWAZZJONI FIL-PAJJIŻ OSPITANT DWAR KWISTJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MA' L-IMMIGRAZZJONI ILLEGALI

6. Ġestjoni ta' migrazzjoni, kontroll tal-fruntieri u twaqqif ta' l-immigranti illegali
- 6.1. Valutazzjoni ġenerali tal-koperazzjoni mal-pajjiż ospitant fil-qasam tal-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali
- Jekk jogħġbok ipprovi xi informazzjoni fir-rigward ta' kif inhi s-sitwazzjoni u kif qed tiżviluppa (il-kuntatt ma' l-awtoritajiet kompetenti, it-tip ta' għajnuna pprovduta, il-kwalità ta' informazzjoni miġbura)*
- 6.2. Rifjut ta' dħul fil-fruntieri kollha tal-pajjiż ospitant
- Inkludi xi informazzjoni disponibbli fir-rigward tan-numri, il-pajjiżi ewlenin ta' l-ořigini u informazzjoni rilevanti oħra*
- 6.2.1. Bl-art
- 6.2.2. Bl-ajru
- 6.2.3. Bil-baħar (fejn applikabbli)
- 6.2.4. Informazzjoni/rimarki addizzjonali
- 6.3. Immigranti illegali maqbuda fil-pajjiż ospitant
- 6.3.1. Numri u tendenzi
- 6.3.2. Pajjiżi ta' l-ořigini (niżżel l-ogħla 10 pajjiżi)

- 6.3.3. Informazzjoni/rimarki addizzjonali
- 6.4. Riskji u theddid fil-fruntieri tal-pajjiż ospitant
- Il-lista li ġejja hija biss indikattiva, għalhekk jekk jogħġbok inkludi l-informazzjoni rilevanti, jekk is-sitwazzjoni teħtieġ dan.*
- Infrastruttura
- Tagħmir
- Persunal
- Pressjoni ta' Migrazzjoni
- Min qed ifittex kenn
- Traffikar ta' nies
- Terroriżmu u traffikar tad-drogi marbuta ma' l-immigrazzjoni illegali
- 6.5. Rotot u modus operandi għall-immigrazzjoni illegali
- 6.5.1. Rotot ewlenin
- 6.5.2. Rotot sekondarji
- 6.5.3. Modus operandi
- 6.6. Strateġiji u miżuri nazzjonali biex ma jħallux u biex jikkumbattu t-traffikar u l-kuntrabandu tan-nies
- Iddeskrivi t-tip ta' strateġiji u l-miżuri (leġislattivi, operazzjonali, finanzjarji) u l-impatt tagħhom.*
- 6.6.1. Strateġiji u miżuri eżistenti
- 6.6.2. Strateġiji u miżuri ppjanati
7. Ammissjoni Mill-Ġdid/Ritorn Taċ-Ċittadini Tagħhom U Taċ-Ċittadini Ta' Pajjiżi Terzi
- 7.1. Infurzar tal-leġislazzjoni fil-qasam tar-ritorn u ta' l-ammissjoni mill-ġdid
- Deskrizzjoni tal-kapaċità għal:
- 7.1.1. Ammissjoni mill-ġdid taċ-ċittadini proprji tiegħu u ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-pajjiż ospitant
- 7.1.2. Ritorn ta' immigranti illegali mit-territorju tal-pajjiż ospitant
- 7.2. Ċittadini u ċittadini ta' pajjiżi terzi ammessi mill-ġdid fil-pajjiż ospitant
- 7.2.1. Numri
- 7.2.2. Pajjiżi li jirritornaw
- 7.3. L-identifikazzjoni taċ-ċittadini proprji tiegħu mingħajr karti li jkunu qed jirritornaw minn pajjiż ieħor
- 7.3.1. Proċeduri segwiti
- 7.3.2. Żmien medju biex jinħarġu l-karti għar-ritorn
- 7.3.3. Koperazzjoni bejn in-Netwerk ta' l-ILOs u l-awtoritajiet kompetenti (formoli, livell, effiċjenza)
- 7.3.4. Aċċettazzjoni ta' Itra ta' Vjaġġar ta' l-UE jew dokumenti oħra għall-ivvjaġġar maħruġa mill-pajjiż tar-ritorn

- 7.4. Reġistri tal-popolazzjoni
 - 7.4.1. Eżistenza ta' reġistru ċentrali
 - 7.4.2. L-użu ta' reġistru għall-identifikazzjoni tan-nies li għandhom ikunu mibgħuta lura
- 7.5. Riżorsi tal-pajjiż ospitant għall-immigranti mibgħuta lura (kemm ċittadini u kemm ċittadini ta' pajjiżi terzi)
 - 7.5.1. Kapaċitajiet legali, ekonomiċi u amministrattivi fil-qasam tar-riċeviment
 - 7.5.2. Kapaċitajiet legali, ekonomiċi u amministrattivi fil-qasam ta' l-integrazzjoni mill-ġdid
- 7.6. Programmi volontarji tar-ritorn għaċ-ċittadini tal-pajjiż ospitant u għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (inkluża informazzjoni dwar dawn il-programmi)

Ipprovdi informazzjoni ġenerali
- 8. Kapaċitajiet legali, istituzzjonali u finanzjarji għall-ġestjoni ta' l-immigrazzjoni
 - 8.1. Infurzar tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-ġestjoni tal-flussi migratorji

Ipprovdi informazzjoni dwar l-istat ta' kif inhuma l-affarijiet u kif qed jiżviluppaw fil-perijodu tar-rapportaġġ

 - 8.1.1. Kontrolli tal-fruntieri
 - 8.1.2. Responsabbiltà ta' min iġorr
 - 8.1.3. Penali għall-kuntrabandisti u għal min jittraffika n-nies
 - 8.1.4. Penali għall-iffalsifikar u għall-użu ta' dokumenti ta' l-ivjaġġar foloz
 - 8.1.5. Penali għal min jgħin u għal min jipprovdi xogħol mhux dikjarat
 - 8.2. Kapaċità amministrattiva li tinkludi riżorsi umani u finanzjarji

Jekk jogħġbok ikkummenta dwar il-livell ta' riżorsi b'relazzjoni ma' l-ammont ta' xogħol

 - 8.2.1. Gwardjani tal-fruntieri
 - 8.2.1.1. Fruntieri ta' l-art
 - 8.2.1.2. Fruntieri tal-baħar (jekk applikabbli)
 - 8.2.1.3. Fruntieri ta' l-Ajru
 - 8.2.2. Forzi tal-pulizija involuti biex jiġġieldu l-immigrazzjoni illegali, il-kuntrabandu, it-traffikar tan-nies u l-koperazzjoni internazzjonali tal-pulizija
 - 8.3. Edukazzjoni u taħriġ tal-persunal

Ipprovdi xi informazzjoni dwar it-tip u l-livell ta' taħriġ / edukazzjoni u inkludi kummenti addizzjonali, jekk neċessarji

 - 8.3.1. Gwardjani tal-fruntieri
 - 8.3.2. Forzi tal-pulizija involuti biex jiġġieldu l-immigrazzjoni illegali, il-kuntrabandu, it-traffikar tan-nies
 - 8.3.3. Forzi tal-pulizija responsabbli għall-koperazzjoni internazzjonali

- 8.4. Kapacià u fondi għall-akkomodazzjoni ta' residenti illegali li jistgħu jitkeċċew inklużi dawk li qed ifittxu kenn u li ma kinux aċċettati
- Iddeskrivi s-sitwazzjoni in relazzjoni ma' l-ammont ta' każijiet / il-bżonnijiet attwali*
- 8.5. Id-disponibbiltà ta' sistemi għall-ġbir ta' data u t-trattament ta' l-informazzjoni fir-rigward ta' l-immigrazzjoni illegali
- Iddeskrivi l-istat ta' kif inhi s-sitwazzjoni u kwalunkwe titjib fil-perjodu tar-rapportaġġ*
- 8.6. Il-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' kampanji ta' informazzjoni dwar problemi u riskji ta' l-immigrazzjoni illegali
- Jekk jogħġbok indika xi informazzjoni ġenerali*
9. Politika tal-viża u s-sigurtà tad-dokumenti
- 9.1. Politika dwar il-viża
- 9.1.1. Is-suffiċjenza tal-lista tal-pajjiżi li għalihom hija meħtieġa l-viża fil-kuntest tal-flussi migratorji
- Ipprova valutazzjoni qasira ta' din is-sitwazzjoni fil-pajjiż ospitant f'dan ir-rigward*
- 9.1.2. Ivvaluta l-kriterju u l-proċedura standard għall-ħruġ ta' viżi
- 9.2. Sigurtà tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar, viżi, dokumenti tar-reżidenza u ta' l-identità
- 9.2.1. Konformità ma' l-istandards ta' l-ICAO (inkluża l-integrazzjoni ta' data bijometrika)
- 9.2.2. Sitwazzjoni fil-pajjiż ospitant fir-rigward tal-falsifikazzjoni ta' dokumenti
10. Kwalunkwe kumment ieħor u informazzjoni rilevanti fir-rigward is-sitwazzjoni fil-pajjiż/reġjun ospitant li għandu x'jaqsam ma' l-immigrazzjoni illegali (i.e. malfunzjoni fl-amministrazzjoni responsabbli għall-ġestjoni ta' l-immigrazzjoni u għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali; inċidenti u avvenimenti fil-perjodu tar-rapportaġġ li jistgħu jwasslu għal żviluppi ġodda fir-rigward tal-flussi ta' l-immigranti illegali)
11. Proposti dwar il-metodi u l-mezzi biex jgħinu l-pajjiż ospitant fil-prevenzjoni tal-flussi tal-migrazzjoni illegali li joriġinaw minn jew jgħaddu minn post għall-ieħor fit-territorju tiegħu (i.e. azzjonijiet possibbli tal-kommunità)
-